

32003R1176

L 164/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

2.7.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1176/2003****tal-1 ta' Lulju 2003****li jemenda ir-Regolament (KE) Nru 1019/2002 dwar standards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

(KEE) Nru 2568/91 ma tistgħax tkopri il-firxa kollha ta' tipi differenti ta' żebbuġ jew togħmiet ta' żjut taż-żebbuġa verġni.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

- (4) Minħabba l-fatt li r-riċerka f'metodi ġodda ta' evalwazzjoni organoletti ċi bil-għan li jwessa' il-firxa ta' kwalitajiet pożitivi ta' żejt taż-żebbuġa verġni għadu għaddej, u sabiex jagħti lill-korpi responsabbli mill-iżvilupp ta' metodi ġodda aktar komprensivi żmien biżżejjed li jstabbilixxu dawn il-metodi, id- data fejn l-Artikolu 5(c) tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002 għandu japplika ser tiġi posposta b'sena.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u xaħmijiet<sup>(1)</sup>, kif emendat l-aħħar darba bir-Regolament (KE) Nru 1513/2001<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 35a tiegħu,

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1019/2002 għandu jiġi emendat skond ma ntqal hawn fuq.

Billi:

- (6) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija taż-Żjut u x-Xaħmijiet,

- (1) L-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002<sup>(3)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) 1964/2002<sup>(4)</sup>, jistipola li barra mill-Artikolu 2, 3, 5 u 6, li għandhom japplikaw mill-1 ta' Novembru 2003, ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2002, barra mill-każ ta' prodotti li kienu magħmula legalment u twaħħlet it-takketta fil-Komunità Ewropea jew importata legalment fil-Komunità u ġew rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni qabel l-1 ta' Novembru 2003, u li jistgħu jitqgħedu fis-suq sakemm jiwaqqufu l-ħażniet.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

- (2) Skond l-Artikolu 5(c) tar-Regolament (KE) Nru 1019/2002, il-kwalitajiet pożitivi msemmija fl-Anness XII għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 tal-11 ta' Lulju 1991 dwar il-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żejt mill-fdalijiet taż-żebbuġ u dwar il-metodi rilevanti ta' analiżi<sup>(5)</sup>, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 796/2002<sup>(6)</sup>, jista' jiġi użat. Madankollu, minħabba n-numru żgħir ħafna ta' kwalitajiet organolettiċi spjegati fl-istess l-Anness, l-operaturi qed jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jiddeskrivu il-karatteristiċi organolettiċi fuq it-tikketti taż-żjut tagħhom.

L-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) No 1019/2002 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"2. Għandu jgħodd mill-1 ta' Novembru 2002.

L-Artikolu 2 u 3, l-Artikolu 5(a), (b) u (d) u l-Artikolu 6 għandhom jgħoddu mill-1 ta' Novembru 2003.

L-Artikolu 5(c) għandu jgħodd mill-1 ta' Novembru 2004.

L-Artikolu 11 għandu jgħodd mill-1 ta' Lulju 2002.

Madankollu, prodotti li huma fabbrikati legalment u tikkettati fil-Komunità jew importati legalment fil-Komunità u tkun f'ċirkolazzjoni libera qabel l-1 ta' Novembru 2003 jistgħu ikun imqiegħda fis-suq sakemm il-ħażniet jintużaw kollha."

- (3) Peress li ma hemmx metodu oġġettiv bħalissa li jivverifika ċerti karatteristiċi organolettiċi li jsaħħu bil-kbir iż-żejt taż-żebbuġa f'dan li għandu x'jaqsam ma' togħma, riħa u kulur, liema kwalitajiet ma jistgħux jidhru fuq it-tikketta. Barra dan, il-kwalitajiet organolettiċi pożitivi msemmija fl-Anness XII għar-Regolamenti

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara li jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 201, tas-26.7.1, p. 4.<sup>(2)</sup> ĠU L 201, tas-26.7.1, p. 4.<sup>(3)</sup> ĠU L 155, ta' l-14.6.2, p. 27.<sup>(4)</sup> ĠU L 300, tal-5.11.2, p. 3.<sup>(5)</sup> ĠU L 248, tal-5.9.91, p. 1.<sup>(6)</sup> ĠU L 128, tal-15.5.2, p. 8.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-1 ta' Lulju 2003.

*Għall-Kummissjoni*  
Franz FISCHLER  
*Membri tal-Kummissjoni*

---